MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 355/2014

**Claudia Galea**
**(ID 38879M)**
**vs**

**Alan Galea**
**(ID 347878M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 29 ta' Ottubru 2014 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' tmint elef u erbgha mitt Euro (€8,400) rappresentanti manteniment dovut minnu lilha ghat-tlett ulied taghhom ghax-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru 2013 u Jannar, Frar, Marzu, April, Mejju, Gunju, Lulju, Awwissu, Settembru u Ottubru 2014, u dana obbligu assunt minnu skond kuntratt pubbliku datat 26 ta' Lulju 2013.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ippresentat kontestwalment u bl-imghax millum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat illi huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi fit 22 ta' Dicembru 2014 l-intimat gie notifikat bl-Atti kollha.

Rat illi fit 22 ta' Jannar 2015 ir-rikorrenti ippresentat kapitolu fil-konfront ta' l-intimat.

Rat illi fis 26 ta' JAnnar 2015 l-konvenut deher u kkontesta t-talbiet attrici filwaqt illi inghata ghoxrin gurnata sabiex jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat l-eccezzjonijiet ippresnetati fit 12 ta' Frar 2015 fejn stqarr illi kontestwalment mal-risposta tieghu kien qieghed jippresneta Ittra ta' Medjazzjoni sabiex ivarja l-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk talab lill dina l-Qorti tissoprasjedi filwaqt illi talab illi t-talbiet ghandhom jigu michuda peress illi l-manteniment ma setghax jithallas minhabba fi bdil sostanzjali fic-cirkostanzi ta' l-intimat illi jiggustifikaw varjazzjoni fil-manteniment pagabbli. SAhaq illi l-ammont rikjest ma huwiex dovut filwaqt illi sahaq illi imghax ma huwiex dovut lanqas peress illi imghax fuq manteniment huwa inkoncepibbli. Finalment sahaq illi r-rikorrenti kellha terfgha l-ispejjez peress illi l-azzjoni odjerna taghha hija intempestiva.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Claudia Galea** moghtija fid 9 ta' April 2015 u rat id-dokumenti minnha esebiti.

Rat illi fid 9 ta' April 2015 ir-rikorrenti iddikjarat illi l-provi taghha kienu maghluqa u ghalhekk il-Qorti iddiferit il-kawza ghal-provi intimati.

Rat illi fit 28 ta' Mejju 2015, fis-seduta iffissata ghall-provi intimati, l-intimat ma deherx u ghalhekk il-Qorti iddikjarat il-provi ta' l-intimat bhala maghluqa.

Rat illi fit 28 ta' Mejju 2015, fuq talba tar-rikorrenti, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-partijiet kienu mizzewgin u miz-zwieg taghhom kellhom tlett ulied, ossija Hayley, ta' tnax-il sena u twemin, Thomas u Jamie, ta' tmien snin.

Jirrizulta illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 26 ta' Lulju 2013, il-partijiet qablu illi jisseparaw minn xulxin u l-intimat qabel, fost affarjiet ohra, illi jhallas manteniment ghat-tlett it-tfal tieghu fis-somma ta' sitt mitt Euro (€600) fix-xahar, ossija mitejn Euro (€200) fix-xahar ghall kull wild tieghu.

Jirrizulta, skond ix-xhieda tar-rikorrenti mhux ikkontestata, illi l-intimat onora tali obbligu ghal darba wahda biss, ossija ghax-xahar ta' Awissu 2013, u wara qatt ma reggha hallas l-manteniment minnu assunt illi jhallas.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ampjament ippruvat mill-provi prodotti illi l-intimat obbliga ruhu, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi jhallas somma ghall-manteniment tat-tlett it-tfal tieghu, obbligi illi huwa ghandu, kemm moralment, bhala missier u, aktar u aktar, abbazi ta' kuntratt pubbliku minnu ffirmat volontarjament.

Jirrizulta illi la darba l-intimat assuma oneru legali fuqu, huwa kien obbligat illi jonorah u, sakemm tali oneru ma jigix varjat bil-mezzi legali stabbiliti, kellu jibqa jhallas tali manteniment.

Jirrizulta illi l-intimat ghamel biss pagament wiehed lir-rikorrenti ghall-manteniment tat-tlett it-tfal tieghu, u ma ghamilx pagament iehor.

Jirrizulta illi l-intimat ma ressaq ebda provi in sostenn ta' l-argumentazzjoni tieghu ghalhiex ma kellhux ihallas.

Tosserva illi, a differenza ta' dak allegat fid-difiza tieghu, imghax fuq l-ammont rikjest huwa attwalment dovut, stante illi fil kaz odjern, hemm kuntratt pubbliku illi jivvinkola l-partijiet u, la darba l-intimat ghazel illi ma jonorax il-parti tieghu tal-kuntrtat, ossija dik tal-hlas tal-manteniment, huwa soggett ghall-penali ta' l-imghax f'kaz illi jittiehdu proceduri fil-Qorti, bhalma gara fil-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi,

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, u ghalhekk

**Tilqa** it-talbiet kollha attrici u

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' tmint elef u erbgha mitt Euro (€8,400), kif ahjar deskritti fl-Avviz.

Spejjez kif rikjesti fl-Avviz u Imghax mid-data tal-presentata ta' l-Avviz ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------